REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 209/2014

tal-5 ta' Marzu 2014

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 605/2010 fir-rigward tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika u fir-rigward tal-kondizzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-introduzzjoni fl-Unjoni tal-kolostru u ta' prodotti li fihom il-kolostru maħsuba għall-konsum mill-bniedem

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ([1]), u b'mod partikolari l-fraži ta' introduzzjoni tal-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-punt (1) u l-punt (4) tal-Artikolu 8, u l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ([2]), u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 16 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 jistipula regoli speċifiċi għall-operaturi tan-negozju tal-ikel fuq l-iġjene tal-ikel li joriġina mill-annimali. Ir-Regolament jistipula li l-operaturi tan-negozju tal-ikel li jipproduċu ħalib mhux ipproċessat, prodotti tal-ħalib, kolostru u prodotti li fihom il-kolostru maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom josservaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Anness III tiegħu.

(2) Barra minn hekk, ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 jistipula li l-operaturi tan-negozju tal-ikel li jimportaw prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi terzi għandhom jiżguraw li l-importazzjoni ssir biss jekk il-pajjiż terz minn fejn jintbagħtu jkun imniżżel f'lista mfassla skont ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 u jekk il-prodotti jissodisfaw, fost l-oħrajn, ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u kull kundizzjoni tal-importazzjoni stabbilita b'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-kontrolli tal-importazzjoni rigward prodotti li joriġinaw mill-annimali.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 ([4]) jistipula l-kundizzjonijiet rigward is-saħħa tal-annimali u rigward is-saħħa pubblika, kif ukoll ir-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat u ta' prodotti tal-ħalib maħsuba għall-konsum mill-bniedem. Hija tistabbilixxi wkoll il-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-introduzzjoni ta' dawn il-konsenji fl-Unjoni hija awtorizzata.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 jistabbilixxi kundizzjonijiet differenti dwar l-importazzjoni li jiddependu fuq l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-pajjiż terz li jesporta fir-rigward tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer (FMD) u r-rinderpest. Pajjiżi terzi li huma ħielsa mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer mingħajr tilqim u mir-rinderpest għal perjodu ta' mill-anqas 12-il xahar qabel l-importazzjoni huma mniżżla fil-kolonna A tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010 u l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ħalib mhux ipproċessat u ta' prodotti tal-ħalib imnissla minn ħalib mhux ipproċessat minn dawk il-pajjiżi terzi, huma awtorizzati mingħajr ma jkunu għaddew minn trattamenti speċifiċi.

(5) Il-Kummissjoni rċeviet diversi talbiet mingħand uhud mill-Istati Membri u mingħand għadd ta' sħab kummerċjali sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet dwar is-saħħa tal-annimali fir-rigward ta' importazzjonijiet fl-Unjoni tal-kolostru u ta' prodotti li fihom il-kolostru għall-konsum mill-bniedem.

(6) Ir-Regolament (UE) Nru 605/2010 ma japplikax għall-kolostru u għal prodotti li fihom il-kolostru. Madankollu, fir-rigward tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, il-kolostru jirrappreżenta l-istess riskji għas-saħħa tal-annimali li jirrappreżenta l-ħalib mhux ipproċessat. Għalhekk, il-kolostru jista' jiġi importat mingħajr periklu minn pajjiżi li diġà huma awtorizzati għall-importazzjoni tal-ħalib mhux ipproċessat u li huma mniżżla fil-kolonna A tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010.

(7) Diversi prodotti kummerċjali huma magħmulin minn kolostru pasturizzat jew sterilizzat. Madankollu, minħabba li l-effetti tal-pasturizzazzjoni u tal-isterilizzazzjoni ma ġewx ivvalidati għall-kolostru b'kontenut għoli ta' ċelloli, il-kolostru pasturizzat jew sterilizzat u prodotti li fihom il-kolostru għandhom jiġu importati biss minn dawk il-pajjiżi terzi li huma ħielsa mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer mingħajr tilqim, u li huma miniżżla fil-kolonna A tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010.

(8) L-Artikoli 11, 12 u 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE ([5]) jistabbilixxu r-regoli u l-kundizzjonijiet għall-verifiki li għandhom jiġu applikati għall-kunsinna

([1]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
([2]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.
([3]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206.
([4]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 tat-2 ta' Lulju 2010 li jistipula l-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali u ta' saħħa pubblika kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni veterinarji għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib maħsuba għall-konsum uman (ĠU L 175, 10.7.2010, p. 1).

([5]) Id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi (ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9).

ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali li jiġu importati fl-Unjoni iżda li huma destinati għal pajjiż terz, kemm jekk permezz ta' tranżitu immedjat jew wara li jinħażnu għal xi żmien fl-Unjoni.

(9) Sabiex tiġi permessal-introduzzjoni fl-Unjoni tal-kolostru u ta' prodotti li fihom il-kolostru, għandu jiżdied mudell ġdid taċ-ċertifikat tas-saħħa għal dawn il-prodotti fil-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 605/2010, filwaqt li l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-ħalib mhux ipproċessat jew il-prodotti tal-ħalib għall-konsum mill-bniedem maħsuba għal tranżitu jew ħażna fl-Unjoni Ewropea stipulat fil-Parti 3 tal-Anness II ta' dak ir-Regolament għandu jiġi emendat sabiex ikopri l-kolostru u l-prodotti li fihom il-kolostru.

(10) Sabiex il-kolostru u l-prodotti li fihom il-kolostru jiġu inklużi fl-ambitu tad-Dokument Veterinarju Komuni għad-Dħul imsemmi fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 136/2004 ([1]), hemm bżonn li fil-mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa li jkopru dawn il-prodotti jingħata l-kodiċi tas-Sistema Armonizzata mniżżel fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/275/KE ([2]).

(11) Sabiex jiġi evitat kull tip ta' xkiel fil-kummerċ, l-użu ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-ħalib mhux ipproċessat u għal prodotti tal-ħalib għall-konsum mill-bniedem maħsuba għal tranżitu jew ħażna fl-Unjoni, maħruġ skont ir-Regolament (UE) Nru 605/2010, għandu jkun awtorizzat matul perjodu ta' tranżizzjoni.

(12) Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 605/2010 għandu jiġi emendat skont dan.

(13) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 605/2010

Ir-Regolament (UE) Nru 605/2010 huwa emendat kif ġej:

(1) L-intestatura tinbidel b'dan li ġej:

"**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 605/2010**

tat-2 ta' Lulju 2010

li jistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ħalib mhux ipproċessat, prodotti tal-ħalib, kolostru u prodotti li fihom il-kolostru maħsuba għall-konsum mill-bniedem".

(2) Fl-Artikolu 1, punt (a) tal-ewwel paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"(a) il-kundizzjonijiet tas-saħħa pubblika u tas-saħħa tal-annimali u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat, ta' prodotti tal-ħalib, tal-kolostru u ta' prodotti li fihom il-kolostru;"

(3) L-Artikolu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

L-importazzjoni ta' ħalib mhux ipproċessat, ta' prodotti tal-ħalib, tal-kolostru u ta' prodotti li fihom il-kolostru minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom elenkati fil-kolonna A tal-Anness I

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat, ta' prodotti tal-ħalib, tal-kolostru u ta' prodotti li fihom il-kolostru minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom elenkati fil-kolonna A tal-Anness I."

(4) L-Artikolu 6 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

Il-kundizzjonijiet ta' tranżitu u ħażna

L-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat, ta' prodotti tal-ħalib, tal-kolostru u ta' prodotti li fihom il-kolostru li mhumiex maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea iżda li jkunu destinati għal pajjiż terz kemm jew permezz ta' tranżitu immedjat inkella wara ħażna fl-Unjoni, skont l-Artikoli 11, 12 jew 13 tad-Direttiva 97/78/KE, għandha tkun awtorizzata biss jekk il-kunsinni jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu ġejjin minn pajjiż terz jew parti minnu elenkata fl-Anness I għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat, ta' prodotti tal-ħalib, tal-kolostru u ta' prodotti li fihom il-kolostru u jikkonformaw mal-kundizzjonijiet adattati ta' trattament għal kunsinni bħal dawn, kif previst fl-Artikoli 2, 3 u 4;

(b) ikunu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa tal-annimali għal importazzjoni fl-Unjoni Ewropea tal-ħalib mhux ipproċessat, ta' prodotti tal-ħalib, tal-kolostru u ta' prodotti li fihom il-kolostru ikkonċernati, kif stipulat fl-attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali fil-punt II.1 tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa relevanti stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness II;

(c) ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa mfassal skont il-mudell xieraq stipulat fil-Parti 3 tal-Anness II għall-kunsinna kkonċernata u mimli skont in-noti ta' spjegazzjoni stipulati fil-Parti 1 ta' dak l-Anness;

(d) ikunu ċċertifikati bħala aċċettabbli għat-tranżitu, kif ukoll għall-ħżin meta jixraq, fuq id-Dokument Veterinarju Komuni tad-Dħul imsemmi fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 136/2004, iffirmat mill-veterinarju uffiċjali tal-istazzjon ta' spezzjoni fil-fruntiera ta' introduzzjoni fl-Unjoni."

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 136/2004 tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2004 li jistabbilixxi proċeduri għal kontrolli veterinarji f'postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri tal-Komunità fuq prodotti importati minn pajjiżi terzi (ĠU L 21, 28.1.2004, p. 11).

([2]) Id-Deċiżjoni 2007/275/KE tal-Kummissjoni tas-17 ta' April 2007 dwar il-listi ta' annimali u prodotti li huma soġġetti għal kontrolli fil-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri skont id-Direttivi tal-Kunsill 91/496/KEE u 97/78/KE (ĠU L 116, 4.5.2007, p. 9).

(5) L-Artikolu 8 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

It-trattament speċifiku

Il-kunsinni ta' prodotti tal-ħalib u ta' prodotti li fihom il-kolostru awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 2, 3, 4, 6 jew 7 minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom fejn seħħet tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fil-perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data li fiha jkun ġie ffirmat iċ-ċertifikat tas-saħħa, jew li wettqu tilqim kontra dik il-marda matul dak il-perjodu, għandhom jiġu awtorizzati biss għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea jekk prodotti bħal dawn ikunu għaddew minn wieħed mit-trattamenti elenkat fl-Artikolu 4."

(6) L-Annessi I u II huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet tranżitorji

Għal perjodu tranżitorju sas-6 ta' Settembru 2014, l-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat u ta' prodotti tal-ħalib mhux maħsuba biex jiġu importati fl-Unjoni Ewropea iżda li jkunu destinati għal pajjiż terz, kemm jekk permezz ta' tranżitu immedjat jew wara li jinħażnu għal xi żmien fl-Unjoni, b'konformità mal-Artikoli 11, 12 jew 13 tad-Direttiva 97/78/KE, akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa li jkun konformi mal-mudell stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 605/2010, fil-verżjoni tiegħu ta' qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għandha tiġi awtorizzata, bil-kundizzjoni li ċ-ċertifikat ikun ġie ffirmat sas-26 ta' Lulju 2014.

Artikolu 3

Id-dħul fis-seħħ u l-applikabilità

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Marzu 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

L-Annessi I u II tar-Regolament (UE) Nru 605/2010 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I jinbidel b'dan li ġej:

"*ANNESS I*

Il-lista ta' pajjiżi terzi jew ta' partijiet minnhom li huma awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat, prodotti tal-ħalib, kolostru (*) u prodotti li fihom il-kolostru (*) li tindika t-tip ta' trattament ta' tisħin meħtieġ għal prodotti ta' dan it-tip

"+": il-pajjiż terz huwa awtorizzat

"0": il-pajjiż terz mhuwiex awtorizzat

Il-kodiċi ISO tal-pajjiż terz	Il-pajjiż terz jew parti minnu	Kolonna A	Kolonna B	Kolonna C
AE	L-Emirat ta' Dubaj tal-Emirati Għarab Magħquda ([1])	0	0	+ ([2])
AD	Andorra	+	+	+
AL	L-Albanija	0	0	+
AR	L-Arġentina	0	0	+
AU	L-Awstralja	+	+	+
BR	Il-Brażil	0	0	+
BW	Il-Botswana	0	0	+
BY	Il-Belarus	0	0	+
BZ	Il-Beliże	0	0	+
BA	Il-Bosnija-Ħerzegovina	0	0	+
CA	Il-Kanada	+	+	+
CH	L-Isvizzera (**)	+	+	+
CL	Iċ-Ċilì	0	+	+
CN	Iċ-Ċina	0	0	+
CO	Il-Kolombja	0	0	+
CR	Kosta Rika	0	0	+
CU	Kuba	0	0	+
DZ	L-Alġerija	0	0	+
ET	L-Etjopja	0	0	+
GL	Il-Groenlandja	0	+	+
GT	Il-Gwatemala	0	0	+
HK	Ħong Kong	0	0	+
HN	Il-Ħonduras	0	0	+
IL	L-Iżrael	0	0	+

Il-kodiċi ISO tal-pajjiż terz	Il-pajjiż terz jew parti minnu	Kolonna A	Kolonna B	Kolonna C
IN	L-Indja	0	0	+
IS	L-Islanda	+	+	+
KE	Il-Kenja	0	0	+
MA	Il-Marokk	0	0	+
MG	Il-Madagaskar	0	0	+
MK (***)	Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	0	+	+
MR	Il-Mawritanja	0	0	+
MU	Il-Mawrizju	0	0	+
MX	Il-Messiku	0	0	+
NA	In-Namibja	0	0	+
NI	In-Nikaragwa	0	0	+
NZ	In-New Zealand	+	+	+
PA	Il-Panama	0	0	+
PY	Il-Paragwaj	0	0	+
RS (****)	Is-Serbja	0	+	+
RU	Ir-Russja	0	0	+
SG	Singapor	0	0	+
SV	El Salvador	0	0	+
SZ	Is-Sważiland	0	0	+
TH	It-Tajlandja	0	0	+
TN	It-Tuneżija	0	0	+
TR	It-Turkija	0	0	+
UA	L-Ukraina	0	0	+
US	L-Istati Uniti	+	+	+
UY	L-Urugwaj	0	0	+
ZA	L-Afrika t'Isfel	0	0	+
ZW	Iż-Żimbabwe	0	0	+

(*) Il-kolostru u prodotti li fihom il-kolostru jistgħu jiġu introdotti fl-Unjoni Ewropea minn pajjiżi awtorizzati elenkati fil-kolonna A biss.

(**) Iċ-ċertifikati huma skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).

(***) Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja; il-ftehim dwar in-nomenklatura definittiva għal dan il-pajjiż se jsir wara l-konklużjoni tan-negozjati li għaddejjin bħalissa dwar dan is-suġġett fil-livell ta' NU.

(****) Ħlief il-Kosovo, li bħalissa jinsab taħt amministrazzjoni internazzjonali skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 tal-10 ta' Ġunju 1999.

([1]) Prodotti tal-ħalib magħmulin mill-ħalib tal-iġmla tal-ispeċi *Camelus dromedarius* biss;

([2]) Prodotti tal-ħalib magħmulin mill-ħalib tal-iġmla tal-ispeċi *Camelus dromedarius* huma awtorizzati;"

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Parti 1 tinbidel b'dan li ġej:

"**PARTI 1**

Il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa

"Milk-RM":	Ċertifikat tas-saħħa għall-ħalib mhux ipproċessat minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna A tal-Anness I maħsub għal proċessar ulterjuri fl-Unjoni Ewropea qabel ma jintuża għall-konsum mill-bniedem.
"Milk-RMP":	Ċertifikat tas-saħħa għall-prodotti tal-ħalib imnissla minn ħalib mhux ipproċessat għall-konsum mill-bniedem, minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna A tal-Anness I maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea.
"Milk-HTB":	Ċertifikat tas-saħħa għall-prodotti tal-ħalib imnissla mill-ħalib tal-baqar, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u tal-bufli għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna B tal-Anness I maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea.
"Milk-HTC":	Ċertifikat tas-saħħa għall-prodotti tal-ħalib għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna C tal-Anness I maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea.
"Colostrum-C/CPB":	Ċertifikat tas-saħħa għall-kolostru tal-baqar, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u tal-bufli u għal prodotti li fihom il-kolostru imnissla minn kolostru tal-istess speċi minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom elenkati fil-kolonna A tal-Anness I għall-konsum mill-bniedem maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea.
"Milk/ Colostrum-T/S":	Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-ħalib mhux ipproċessat, għall-kolostru, għal prodotti tal-ħalib jew għal prodotti li fihom il-kolostru għall-konsum mill-bniedem maħsuba għal tranżitu jew ħażna fl-Unjoni Ewropea.

Noti ta' spjegazzjoni

(a) Iċ-ċertifikati tas-saħħa għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz tal-oriġini, skont il-mudell xieraq stipulat fil-Parti 2 ta' dan l-Anness, skont il-format tal-mudell li jikkorrispondi għall-ħalib mhux ipproċessat, għall-kolostru, għal prodotti tal-ħalib jew għal prodotti li fihom il-kolostru. Dawn għandu jkun fihom, fl-ordni numerata li tidher fil-mudell, l-attestazzjoni mitluba għal kull pajjiż terz u, skont kif ikun il-każ, dawk il-garanziji supplimentari mitluba għall-pajjiż terz esportatur ikkonċernat.

(b) L-oriġinal taċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jikkonsisti minn paġna waħda stampata fuq iż-żewġ naħat jew, meta jkun meħtieġ aktar test, b'mod li l-paġni kollha jiffurmaw entità sħiħa u li ma tistax tinfired.

(c) Irid jiġi ppreżentat ċertifikat tas-saħħa uniku separat għal kull kunsinna tal-prodott ikkonċernat, esportat lejn l-istess destinazzjoni minn pajjiż terz imniżżel fit-tabella tal-Anness I u ttrasportat fl-istess vagun tal-ferrovija, vettura tat-triq, ajruplan jew bastiment.

(d) L-oriġinal taċ-ċertifikat tas-saħħa u t-tikketti msemmija fiċ-ċertifikat mudell għandhom jitfasslu mill-inqas f'ilsien uffiċjali wieħed tal-Istat Membru fejn issir l-ispezzjoni konfinali u tal-Istat Membru destinatarju. Madankollu, dawk l-Istati Membri jistgħu jippermettu li jitfassal f'ilsien uffiċjali ieħor tal-Unjoni Ewropea minflok f'tagħhom, filwaqt li għandu jiġi akkumpanjat, jekk ikun meħtieġ, minn traduzzjoni uffiċjali.

(e) Jekk fiċ-ċertifikat tas-saħħa jinħemżu paġni addizzjonali sabiex jiġu identifikati l-oġġetti li jiffurmaw il-kunsinna, dawk il-paġni addizzjonali għandhom jitqiesu li jiffurmaw parti miċ-ċertifikat oriġinali, dejjem jekk il-firma u t-timbru tal-veterinarju uffiċjali li jiċċertifika jkunu jidhru fuq kull paġna.

(f) Jekk iċ-ċertifikat tas-saħħa jkun jinkludi iktar minn paġna waħda, kull paġna għandha tkun numerata "*–x(in-numru tal-paġna)* minn *y(l-għadd totali ta' paġni)*–" fil-parti t'isfel tal-paġna u għandu jkollha n-numru ta' referenza taċ-ċertifikat allokat mill-awtorità kompetenti fil-parti ta' fuq tal-paġna.

(g) L-oriġinal taċ-ċertifikat tas-saħħa jrid jimtela u jiġi ffirmat minn rappreżentant tal-awtorità kompetenti responsabbli li tivverifika u tiċċertifika li l-ħalib mhux ipproċessat, il-prodotti tal-ħalib, il-kolostru jew il-prodotti li fihom il-kolostru jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fit-Taqsima IX tal-Kapitolu I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u fid-Direttiva 2002/99/KE.

(h) L-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz esportatur għandhom jiżguraw li l-prinċipji taċ-ċertifikazzjoni ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 96/93/KE [1] jiġu osservati.

(i) Il-lewn tal-firma tal-veterinarju uffiċjali għandu jkun differenti minn dak użat għall-istampar fuq iċ-ċertifikat tas-saħħa. Dan ir-rekwiżit għandu japplika wkoll għal timbri oħra apparti t-timbri intaljati jew dawk tal-marka tal-ilma.

(j) Il-verżjoni oriġinali taċ-ċertifikat tas-saħħa trid takkumpanja l-kunsinna sakemm tasal l-istazzjon ta' spezzjoni fuq il-fruntiera tad-dħul fl-Unjoni Ewropea.

(k) Jekk iċ-ċertifikat mudell jiddikjara li ċerti dikjarazzjonijiet għandhom jinżammu kif imiss, dikjarazzjonijiet li ma jkunux rilevanti jistgħu jiġu ingassati u inizjalati u ttimbrati mill-uffiċjal ta' ċertifikazzjoni, jew jitħassru għalkollox miċ-ċertifikat.

_____

([1]) ĠU L 13, 16.1.1997, p. 28."

(b) Fil-Parti 2 għandu jiżdied iċ-ċertifikat mudell li ġej:

"Model Colostrum/Colostrum-based products- C/CBP

Ċertifikat tas-Saħħa għall-kolostru tal-baqar, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u tal-bufli u għal prodotti li fihom il-kolostru imnissla minn kolostru tal-istess speċi minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom elenkati fil-kolonna A tal-Anness I għall-konsum mill-bniedem maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea

PAJJIŻ **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I : Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Nru tat-Tel.		I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat I.2.a.
		I.3. Awtorità kompetenti ċentrali
		I.4. Awtorità kompetenti lokali
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi postali Nru tat-Tel.		I.6.
I.7. Pajjiż ta' oriġini Kodiċi ISO I.8.		I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO I.10.
I.11. Post ta' oriġini Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz		I.12.
I.13. Post tat-tagħbija		I.14. Data tat-tluq
I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Bastiment ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Ieħor ☐ Identifikazzjoni Referenzi ta' dokumentazzjoni		I.16. BIP tad-dħul fl-UE I.17.
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Kodiċi tal-Prodott (Kodiċi HS) I.20. Kwantità
I.21. Temperatura tal-prodott Ambjentali ☐ Imkessaħ ☐ Iffriżat ☐		I.22. Għadd ta' pakketti
I.23. In-Nru tas-Siġill/tal-Kontenitur		I.24. Tip ta' imballaġġ
I.25. Prodotti ċċertifikati għal: Konsum uman ☐		
I.26.		I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (isem xjentifiku)	Impjant tal-manifattura	Għadd ta' pakketti	Piż nett	Numru tal-lott

Model Colostrum/Colostrum –Based Products C/CBP
kolostru u prodotti li fihom il-kolostru minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom elenkati fil-kolonna A tal-Anness I maħsuba għall-importazzjoni għall-konsum mill-bniedem

PAJJIŻ

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1 Ċertifikazzjoni tas-Saħħa tal-Annimali

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li jien konxju mid-dispożizzjonijiet rilevanti fid-Direttiva 2002/99/KE u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 u b'dan niċċertifika li l-kolostru/prodotti li fihom il-kolostru [1] deskritti fil-Parti I:

tnisslu jew ġew immanifatturati minn kolostru miksub mill-annimali:

(i) taħt il-kontroll tas-servizz veterinarju uffiċjali;

(ii) li kienu f'pajjiż jew f'parti minnu ħielsa mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer u r-rinderpest (pesta tal-bovini) għall-perjodu ta' mill-iqas 12-il xahar qabel id-data ta' dan iċ-ċertifikat, u fejn ma twettaqx tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul dak il-perjodu;

(iii) ġejjin minn impriżi li ma kenux taħt restrizzjonijiet minħabba l-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew ir-rinderpest, u

(iv) soġġetti għal spezzjonijiet veterinarji regolari biex jiżguraw li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u fid-Direttiva 2002/99/KE.

II.2 Attestazzjoni tas-Saħħa Pubblika

Jien, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li jien konxju mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 852/2004, (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 u b'dan niċċertifika li l-kolostru/il-prodotti li fihom il-kolostru magħmula mill-kolostru [1] deskritti fil-Parti I ġew prodotti skont dawk id-dispożizzjonijiet, u b'mod partikolari li:

(a) dawn ġew manifatturati b'kolostru:

(i) li ġie minn impriżi reġistrati skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 u kkontrollati skont l-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 854/2004;

(ii) li ġie prodott, inġabar, tkessaħ, inħażen u ġie ttrasportat skont il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-iġjene stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(iii) li huwa konformi mal-garanziji fuq l-istatus tar-residwi tal-ħalib mhux ipproċessat ipprovduti mill-pjanijiet ta' monitoraġġ għad-detezzjoni tar-residwi jew is-sustanzi ppreżentati skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE, u b'mod partikolari, l-Artikolu 29 tagħha;

(iv) skont it-testijiet għar-residwi tal-mediċini antibatterjali mwettqa mill-operatur tan-negozju tal-ikel skont ir-rekwiżiti tal-punt 4 tal-Parti III tal-Kapitolu I, tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, jikkonforma mal-limiti massimi tar-residwi għar-residwi tal-prodotti mediċinali veterinarji antibatterjali stipulati fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010;

(v) ġie prodott taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi tar-residwi għall-pestiċidi stipulati fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, u l-livelli massimi għall-kontaminanti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006;

(b) ġejjin minn stabbiliment li jimplimenta programm ibbażat fuq il-prinċipji HACCP skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004;

(c) ġew ipproċessati, maħżuna, imgeżwra, ippakkjati u ttikkettata skont il-Kapitoli III u IV tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(d) jissodisfaw il-kriterji rilevanti stipulati fil-Kapitolu II tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u l-kriterji mikrobijoloġiċi rilevanti stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel, u

(e) il-garanziji li jkopru annimali ħajjin u prodotti li joriġinaw minnhom mogħtija mill-pjanijiet ta' residwu mressqa skont id-Direttiva 96/23/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tagħha, huma ssodisfati.

Model Colostrum/Colostrum –Based Products C/CBP
kolostru u prodotti li fihom il-kolostru minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom elenkati fil-kolonna A tal-Anness I maħsuba għall-importazzjoni għall-konsum mill-bniedem

PAJJIŻ

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Noti

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għal kolostru u għal prodotti li fihom il-kolostru minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna A tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010.

Parti I:

— Kaxxa I.7: Agħti l-isem u l-kodiċi ISO tal-pajjiż jew parti minnu kif jidhru fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 tat-2 ta' Lulju 2010 li jistipula l-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali u ta' saħħa pubblika kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni veterinarji għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib maħsuba għall-konsum uman (ĠU L 175, 10.7.2010, p. 1).

— Kaxxa I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru ta' l-approvazzjoni ta' l-istabbiliment minfejn jintbagħtu.

— Kaxxa I.15: In-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u vettura tat-triq), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (bastiment). Fil-każ ta' ħatt u t-tagħbija mill-ġdid, il-kunsinnatur għandu jinforma lill-BIP bid-dħul fl-Unjoni Ewropea.

— Kaxxa I.19: Uża l-kodiċi rilevanti tas-Sistema Armonizzata (SA) taħt l-intestaturi li ġejjin: 04.01; 04.02; 04.03; 04.04; 04.05; 04.06; 04.10; 15.17; 17.02; 19.01; 21.05; 21.06; 22.02; 28.35; 30.01; 35.01; 35.02 jew 35.04.

— Kaxxa I.20: Indika l-piż gross totali u l-piż nett totali.

— Kaxxa I.23: Fil-każ ta' kontejners jew kaxex, għandu jiġi inkluż in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (fejn applikabbli).

— Kaxxa I.28: Impjant tal-manifattura: daħħal in-numru ta' approvazzjoni tal-azjenda/azjendi tal-produzzjoni, iċ-ċentru tal-ġbir jew iċ-ċentru tal-istandardizzazzjoni approvat għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea.

Parti II:

([1]) Żomm kif xieraq.

— Il-lewn tal-firma għandu jkun differenti minn dak użat għall-istampar. L-istess regola tapplika għat-timbri apparti t-timbri intaljati jew dawk tal-marka tal-ilma.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifiki u titlu:

Data: Firma:"

Timbru:

(c) Il-Parti 3 tinbidel b'dan li ġej:

"PART 3

Model Milk/Colostrum-T/S

Ċertifikat tas-Saħħa tal-Annimali għall-ħalib mhux ipproċessat, għal prodotti tal-ħalib, għall-kolostru u għal prodotti li fihom il-kolostru għall-konsum mill-bniedem maħsuba għal tranżitu jew ħażna fl-Unjoni Ewropea

PAJJIŻ **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I : Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Nru tat-tel.

I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a.

I.3. Awtorità kompetenti ċentrali

I.4. Awtorità kompetenti lokali

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi postali
Nru tat-tel.

I.6. Persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE
Isem
Indirizz
Kodiċi postali
Nru tat-tel.

I.7. Pajjiż tal-oriġini | Kodiċi ISO

I.8. Reġjun tal-oriġini | Kodiċi

I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni | Kodiċi ISO

I.10.

I.11. Post ta' oriġini
Isem | Numru tal-approvazzjoni
Indirizz

I.12. Post tad-destinazzjoni
Maħżen doganali ☐ Fornitur tal-bastiment ☐
Isem | Numru tal-approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi postali

I.13. Post tat-tagħbija

I.14. Data tat-tluq

I.15. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Bastiment ☐ Vagun tal-ferrovija ☐
Vettura tat-triq ☐ Ieħor ☐
Identifikazzjoni
Referenzi ta' dokumentazzjoni

I.16. BIP tad-dħul fl-UE

I.17.

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi HS)

I.20. Kwantità

I.21. Temperatura tal-prodott
Ambjentali ☐ Imkessaħ ☐ Iffriżat ☐

I.22. Għadd ta' pakketti

I.23. In-Nru tas-siġill/tal-kontenitur

I.24. Tip ta' imballaġġ

I.25. Prodotti ċċertifikati għal:
Konsum mill-bniedem ☐

I.26. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz ☐
Pajjiż Terz | Kodiċi ISO

I.27.

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (isem xjentifiku)	Impjant tal-manifattura	Għadd ta' pakketti	Piż nett	Numru tal-lott

Model Milk/Colostrum-T/S

Ħalib mhux ipproċessat, prodotti tal-ħalib, kolostru u prodotti li fihom il-kolostru għall-konsum mill-bniedem għal tranżitu jew ħażna

PAJJIŻ

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1 Ċertifikazzjoni tas-Saħħa tal-Annimali

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-[ħalib mhux ipproċessat] / [prodotti tal-ħalib] / [kolostru] / [prodotti li fihom il-kolostru] (1) (2) għal [tranżitu] / [ħażna] (2) fl-Unjoni Ewropea deskritti fil-Parti I:

(a) ġej(jin) minn pajjiż awtorizzat jew parti minnu awtorizzata għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni Ewropea ta' ħalib mhux ipproċessat, prodotti tal-ħalib, kolostru jew prodotti li fihom il-kolostru kif stipulat fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010;

(b) jikkonforma(w) mal-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali rilevanti għall-prodotti kkonċernati kif stipulati fiċ-Ċertifikazzjoni tas-Saħħa tal-Animali fil-Parti II.1 taċ-ċertifikati mudell [Milk-RM] / [Milk-RMP] / [Milk-HTB] / [Milk-HTC] / [Colostrum-C/CBP](2) fil-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 605/2010;

(c) ġie/ġew prodotti fi ..... (3) jew bejn ..... (3) u ..... (3).

Noti

Parti I:

— Kaxxa I.7: Agħti l-isem u l-kodiċi ISO tal-pajjiż jew parti minnu kif jidhru fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 tat-2 ta' Lulju 2010 li jistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib maħsuba għall-konsum uman (ĠU L 175, 10.7.2010, p. 1).

— Kaxxa I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment minfejn jintbagħtu. Isem il-pajjiż tal-oriġini li jrid ikun l-istess bħal dak tal-pajjiż tal-esportazzjoni.

— Kaxxa I.15: In-numru ta' reġistrazzjoni (fil-każ ta' vaguni tal-ferrovija jew vetturi bil-kontejner u vetturi tat-triq), in-numru tat-titjira (fil-każ ta' ajruplan) jew l-isem (fil-każ ta' vapur). F'każ ta' trasportazzjoni f'kontejners, l-għadd totali tal-kontejners u n-numri tar-reġistrazzjoni tagħhom, u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill, irid ikun indikat fil-kaxxa I.23. Fil-każ ta' ħatt u t-tagħbija mill-ġdid, il-kunsinnatur għandu jinforma lill-BIP bid-dħul fl-Unjoni Ewropea.

— Kaxxa I.19: Uża l-kodiċi rilevanti tas-Sistema Armonizzata (SA) fl-intestaturi li ġejjin: 04.01; 04.02; 04.03; 04.04; 04.05; 04.06; 15.17; 17.02; 19.01; 21.05; 21.06.; 22.02; 28.35; 30.01; 35.01; 35.02; 35.04 jew 04.10.

— Kaxxa I.20: Indika l-piż gross totali u l-piż nett totali.

— Kaxxa I.23: Fil-każ ta' kontejners jew kaxex, għandu jiġi inkluż in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (fejn applikabbli).

— Kaxxa I.28: Impjant tal-manifattura: daħħal in-numru ta' approvazzjoni tal-azjenda/i tal-produzzjoni, iċ-ċentru tal-ġbir jew iċ-ċentru tal-istandardizzazzjoni approvat għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea.

Parti II:

(1) Ħalib mhux ipproċessat, prodotti tal-ħalib, kolostru u prodotti li fihom il-kolostru ifissru ħalib mhux ipproċessat, prodotti tal-ħalib, kolostru u prodotti li fihom il-kolostru maħsuba għall-konsum mill-bniedem fi tranżitu jew ħażna b'konformità mal-Artikolu 12(4) jew l-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi (ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9).

(2) Żomm kif xieraq.

(3) Data jew dati tal-produzzjoni. Importazzjonijiet ta' ħalib mhux ipproċessat, prodotti tal-ħalib, kolostru u prodotti li fihom il-kolostru ma għandhomx jitħallew meta jkunu nkisbu qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea tal-pajjiż terz jew parti minnu imsemmi(ja) f'I.7 u I.8, jew meta jkunu nkisbu matul perjodu li matulu ġew adottati miżuri restrittivi mill-Unjoni Ewropea kontra l-importazzjonijiet ta' ħalib mhux ipproċessat, prodotti tal-ħalib, kolostru u prodotti li fihom il-kolostru minn dan il-pajjiż terz jew minn parti minnu.

— Il-lewn tal-firma għandu jkun differenti minn dak użat għall-istampar. L-istess regola tapplika għal timbri oħra apparti t-timbri intaljati jew dawk tal-marka tal-ilma.

Model Milk/Colostrum-T/S

Ħalib mhux ipproċessat, prodotti tal-ħalib, kolostru u prodotti li fihom il-kolostru għall-konsum mill-bniedem għal tranżitu jew ħażna

PAJJIŻ

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
Veterinarju uffiċjali Veterinarju uffiċjali: Kwalifika u titlu: Data: Firma:" Timbru:		